18 ta' Ottubru, 1957,

Imħallfin: —

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Luigia Fenech *versus* Giuseppe Fenech

## Donazzjoni — Nullità — Art. 1831 tal-Kodiċi Ċivili

*Id-donazzjoni hija kuntratt li jissupponi neċessarjament il-konkors tal-volontà tad-donanti u tad-donatarju; u d-donazzjoni mhix perfetta mingħajr l-aċċettazzjoni tad-donatarju; jiġifieri mingħajr l-akkordju ta' żewġ volontà — dik tad-donanti u l-oħra tad-donatarju — li jikkonvjenu dwar l-"idem placitum".*

*Għaldaqstant, jekk wieħed jirċievi flus minn għand persuna oħra, u jaċċettahom mingħajr ma jaf li bagħtithomlu dik il-persuna l-oħra, u wisq anqas li kienet qegħedha tiddonahomlu dik il-persuna l-oħra, u dik il-persuna l-oħra ma mmanifestatx miegħu l-volontà tagħha li tiddonahomlu, ma hemmx donazzjoni; u ma tistgħax dik il-persuna l-oħra tippretendi li għamlitlu donazzjoni nulla, għax ma jistgħax ikun hemm nullità ta' donazzjoni li ma teżistix.*

*Fil-każ preżenti, il-konvenut kien allega li kienu serqulu somma ta' £140 u l-attriċi, ommu, b'sens ta' kommiżerazzjoni, tagħtu dik is-somma; però hija bgħatitlu dawk il-flus ma' persuna oħra, u din, fuq istruzzjonijiet tagħha, qaltlu li dawk kienu l-flus li kienu serqulu, u li kien bagħthomlu l-kappillan, li kien irċevihom minn għand il-persuna li kienet serqithom u riedet troddhomlu, u ma qaltlu xejn li kienet bagħtithomlu ommu. In segwitu ommu aġixxiet kontra tiegħu biex huwa jirrestitwilha dawk il-flus, billi allegat li hija kienet għamlitlu donazzjoni, u li din id-donazzjoni kienet nulla; iżda l-Qorti żammet u qatgħet li donazzjoni ma kienx hemm, u li ma setgħax jingħad li si trattava minn donazzjoni nulla, għax ma jistgħax ikun hemm nullità ta' donazzjoni li ma teżistix.*

Il-Qorti;

Rat l-att ta' ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biħ l-attriċi, wara li tippremetti li xi sebgħa xhur ilu, ċjoè bejn Ottubru u Novembru 1954, il-konvenut allega

li mill-kaxxun tal-kamra tiegħu kienu serqulu flus ammontanti għal £140, u beda jagħmel tratti ta' miġnun biex b'daqshekk jinduċiha, bħala ommu, tagħtieh somma ugwali ta' flus; u illi b'dana l-mod hija ġiet indotta li tagħti lill-konvenut l-imsemmija somma ta' flus, li huwa aċċetta; u illi dan l-għoti ta' flus jammonta għal donazzjoni li ma saretx bil-formalitajiet li trid il-liġi, tant minħabba n-nuqqas ta' att publiku, kemm ukoll tad-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, u anki billi l-kunsens tagħha kien vizzjat b'errur minħabba fl-imsemmija montaturi u finzjonijiet tal-konvenut; titlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, (1) jiġi minn din il-Qorti dikjarat *li l-imsemmija* donazzjoni ta' *£140*, kif intqal fuq magħmula minnha lill-konvenut, hija nulla u bla ebda effett, u konsegwentement (2) il-konvenut jiġi kundannat jagħtiha lura l-istess somma ta' £140. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-ewwel ta' April 1957, li biha ġew respinti t-talbiet tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha; wara li kkunsidrat;

Illi l-fatti tal-kawża, fil-qosor kemm jista' jkun, huma dawn. Fit-18 ta' Ottubru 1954 il-konvenut, li allura kien joqgħod fl-istess dar ma' ommu, li hi l-attriċi, u ma' ħutu, qal *lill-attriċi* li mill-flus li kien iżomm f'bott tal-landa f'kaxxun tal-gradenza fil-kamra ta' rqad kien sab neqsin £30. Dawn il-flus l-attriċi lill-konvenut tathomlu. Tliet ijiem wara, il-konvenut qal lill-attriċi li kien reġa' sab neqsin minn dak il-bott il-flus kollha li kellu fih, £140. Huwa beda jibki u jagħmel tratti ta' miġnun, u billi l-attriċi tħassritu f'dak l-istat li kien fih, iddeċidiet li tagħtieh dawn il-flus, imma ma riedetx turieh li kienet qegħedha tagħtihomlu hija. Għalhekk bidlet £150 li kellha merfugħin fuq ir-raff magħmula f'karti tal-lira antiki, kulur aħdar, ma' numru ugwali ġodda, kulur aħmar, u tat £140 minnhom lil ċertu Paolo Debono, li miegħu ftehmet biex jeħodhom u jagħtihom lill-konvenut, *billi jgħidlu li kien bagħtu bihom il-kappillan*, għaliex min kien seraqlu l-flus kienet messitu l-kux-

jenza li ħadhom għandu blex jiġu restitwiti. Paolo Debono għamel kif qaltlu l-attriċi, u l-konvenut, meta rċieva l-flus, naturalment ħa pjaċir u beda jibki bil-ferħ;

Illi f'din il-kawża mhix qegħdha ssir l-indaġini jekk veramenit il-konvenut kienx ġie misruq — ħaġa li l-attriċi donnha tixħet dubju fuqha; u lanqas jekk kienetx l-attriċi li ħadet dawk il-flus, kif donnu jrid jallega l-konvenut; imma l-indaġini li għandha ssir hi dik jekk bil-passaġġ tal-£140 li għaddew minn għand l-attriċi għand il-konvenut saretx donazzjoni mill-istess attriċi lill-konvenut, u, f'każ affermattiv, jekk din id-donazzjoni għandhiex tiġi dikjarata nulla għar-raġunijiet imsemmijin fiċ-ċitazzjoni;

Illi d-donazzjoni, kif tiddisponi l-liġi (art. 1831 Kodiċi Ċivili), hija kuntratt, billi tissupponi neċessarjament il-konkors tal-volontà tad-donanti u tad-donatarju (Baudry-Lacantinerie, Delle Donazioni, Vol. I, para. 13); u d-donazzjoni mhix perfetta mingħajr l-aċċettazzjoni tad-donatarju, jiġifieri *mingħajr l-akkordju ta' żewġ volontà, dik tad-do*nanti u l-oħra tad-donatarju, li jikkonvjenu fl-"idem placitum" (Ricci, Diritto Civile, Vol. IV, para. 193);

Fuq l-iskorta ta' dawn il-prinċipji jista' jingħad li fil-każ taħt konsiderazzjoni ma kienx hemm donazzjoni ta' dawk il-£140 mill-attriċi lill-konvenut; għaliex ma kienx hemm *akkordju tal-volontà tal-attriċi u ta' dik tal-konvenut* fuq donazzjoni. Infatti, il-konvenut dawk il-flus ma rċevihomx, bħala donazzjoni. Huwa rċieva l-£140 minn għand Paolo Debono, u mhux minn għand l-attriċi; u meta rċevihom ma kienx jaf li kienu ġejjin minn għandha, u kwindi wisq anqas li hija kienet qegħedha tiddonahomlu; għaliex huwa, bir-raġun, ħaseb, *skond kif kien qallu Paolo Debono,* li dawk il-flus kienu dawk stess li ġew lilu misruqa, billi kien bagħthomlu miegħu l-kappillan li għandu kien ħadhom għal dak l-iskop min kien seraqhom. L-istess ħaġa tingħad għar-rigward tal-attriċi. Hija ma mmanifestatx il-volontà tagħha mal-konvenut li trid tiddonalu dawk il-flus. *Għall-kuntrarju, hija anzi riedet li l-konvenut ma jkunx jaf* li dawk il-flus kienu tagħha, jiġifieri li kienu ġejjin minn għandha, billi lil Paolo Debono, kif qal dan ix-xhud, wis-

sietu għal xi tliet darbiet biex, meta *jagħti l-flus* *lill*-*konvenut*, ma jgħidlux li l-istess flus kienet tathomlu hija, għaliex altrimenti kien iġibha fil-għali, imma jgħidlu li kien bagħthomlu l-kappillan;

Illi għalhekk *id-donazzjoni pretiża mill-attriċi hi ineżistenti*, u ma jistax ikun hemm nullità ta' donazzjoni li ma teżistix;

Rat *in-nota tal-appell tal-attriċi*, u rat il-petizzjoni tagħha, fejn talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa d-domanda tagħha; bl-ispejjeż tażżewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Illi din il-Qorti ma ssibx raġuni biex titbiegħed millkonklużjoni li għaliha waslet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Għalhekk tadotta dik il-konklużjoni, u tagħmel tagħha l-*motivi li fuqhom tinsab bażata*;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż *kontra l-attriċi appellanti*.